**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 12 ta' Dicembru, 2019**

**Talba Nru: 231/2019 PM1**

**Carmelo Galea Contractors (P1225)**

**Vs**

**Christopher Bartolo**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-21 ta' Mejju, 2018 illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attrici s-somma ta' tlett elef, mitejn u ghoxrin euro u tlieta u sebghin centezmi (€3220.73) rapprezentanti xoghol ta' eskavazzjoni maghmul mill-attrici fuq inkarigu tal-konvenut gewwa s-sit 24, Triq il-Gejza, Swieqi fix-xahar ta' Lulju, 2015, kif imkejjel u kwantifikat mill-Perit John Attard ai termini tal-kont mahrug mill-istess Perit fit-23 ta' Mejju, 2016 (kopja annessa mal-avviz bhala Dok. CG1), liema xogholijiet baqghu ma thallsux mill-konvenut lill-attrici, bl-ispejjez u bl-imghax legali

mid-data tal-kont mahrug mill-Perit John Attard sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra d-dokument anness mat-talba senjatament il-kont mahrug mill-Perit John Attard (Dok. CG1).

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament mhuwiex minnu li x-xogholijiet komplew sas-sena 2016 u ghalhekk il-pretensjonijiet attrici huma preskritti bit-terminu ta' sentejn ai fini tal-art. 2149(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti x-xoghol maghmul mis-socjeta` rikorrenti ma sarx skont is-sengha u l-arti u di piu` s-socjeta` rikorrenti ma spiccatx ix-xoghol ghal-liema giet inkarigata u l-intimat kellu jqabbad kuntrattur iehor biex jirranga x-xoghol u hsara maghmula mir-rikorrenti u jispicca l-istess xoghol;
3. Illi s-socjeta` rikorrenti trid iggib prova tax-xoghol maghmul minna u tas-sighat mahduma.
4. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti ebda hlas jew imghax fuq hlas pretiz ma huwa dovut mill-intimat.
5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra li, kif verbalizzat fis-27 ta' Gunju, 2018, it-Tribunal ordna li jingabru l-provi fir-rigward tal-eccezzjonijiet kolha imressqa mill-intimat b'dana li tinghata sentenza wahda fir-rigward tal-eccezzjonijiet kollha.

Sema' x-xhieda ta' Oliver Magro, ra d-dokumenti ezebiti minnu u sema' wkoll ix-xhieda ta' Rennie Galea waqt is-seduta tal-1 t'Ottubru, 2018.

Ra li waqt is-seduta tal-31 t'Ottubru, 2018 it-Tribunal laqa' t-talba ghall-prezentata ta' eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni a bazi tal-art. 2148(a) tal-**Kodici Civili**, oltre li sema' x-xhieda ta' Noel Muscat u tal-Perit John Attard.

Ra r-risposta ulterjuri tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa li t-talba attrici hija preskritta ai termini tal-art. 2148(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Sema' x-xhieda tal-Perit John Attard u ra d-dokumenti ezebiti minnu waqt is-seduta tas-6 ta' Dicembru, 2018.

Sema' x-xhieda ta' Rennie Galea u ra d-dokumenti ezebiti minnu waqt is-seduta tad-19 ta' Frar, 2019.

Sema' x-xhieda tal-konvenut Christopher Bartolo u ta' Pio Galea waqt is-seduta tal-25 ta' Marzu, 2019 u ra d-dokumenti ezebiti waqt l-istess seduta.

Sema' x-xhieda ta' Martin Farrugia u ra d-dokumenti ezebiti minnu waqt is-seduta tat-2 ta' Mejju, 2019.

Sema' x-xhieda ta' Rennie Galea prodott in kontro-ezami waqt is-seduta tal-5 ta' Gunju, 2019.

Sema' x-xhieda tal-konvenut u tal-Perit John Attard u ta' Pio Galea in kontro-ezami waqt is-seduta tat-8 ta' Lulju, 2019.

Sema' x-xhieda ta' Christopher Bartolo waqt is-seduta tal-20 ta' Novembru, 2019.

Sema' t-trattazzjoni orali tal-avukati difensuri tal-partijiet u ra li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi l-azzjoni odjerna tirrigwardja talba ghall-hlas tas-somma mitluba rapprezentanti xoghol ta' skavar maghmul mill-attrici fuq inkarigu tal-konvenut u l-konsegwenti holqien ta' rampa. Fl-ewwel lok il-konvenut jikkontendi li l-ammont mitlub m'huwiex dovut

minnu in kwantu preskritt. F'dan ir-rigward il-konvenut jiccita favur tieghu l-art. 2149(a) tal-**Kodici Civili** permezz tar-risposta tieghu (fol. 8 tal-process) u mbaghad ukoll l-art. 2148(a) tal-**Kodici Civili** permezz tar-risposta ulterjuri datata l-ewwel (1) ta' Novembru, 2018 (fol. 38 tal-process).

Illi ghaldaqstant huwa mehtieg illi qabel jindaga l-bqija tal-eccezzjonijiet imressqin mill-istess konvenut, it-Tribunal jiddeciedi jekk l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni kif sollevata mill-konvenut timmeritax li tigi akkolta.

Illi l-art. 2149(a) tal-**Kodici Civili** jittratta espressament :

> «*azzjonijiet tal-bennejja ta' bastimenti jew bċejjeċ oħra tal-baħar, u tal-kuntratturi ta' bini ieħor jew ta' xogħlijiet oħra ta' injam, ġebel, jew materjal ieħor, għall-opri maħdumin minnhom jew għall-materjali li jfornu* » (enfazi mizjuda)

F'tali kaz it-terminu preskrittiv huwa dak ta' sentejn.

Illi min-naha l-ohra l-art. 2148(a) tal-**Kodici Civili** jipprovdi ghall-perijodu preskrittiv ta' tmintax-il xahar fir-rigward tas-segwenti :

> "*l-azzjonijiet tal-ħajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, ħaddieda, arġentieri, arluġġara u ta' persuni oħra li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika, għall-prezz tal-opri jew tax-xogħlijiet tagħhom, jew tal-materjal li jfornu*"

Fir-rigward ta' dan l-ahhar artikolu jinsab deciz is-segwenti:

> "*L-art. 2148(a) ma jghoddx ghall-kaz fejn il-kreditur ikun imprenditur bhal ma hi s-socjeta' attrici, hekk li l-prestazzjonijiet tieghu jkunu atti tal-kummerc. Dan qalitu l-Qorti ta' l-Appell, Sede Inferjuri, f'sentenza moghtija fit-18 ta' Mejju 1929 in* ***re Tommaso Pace nomine versus Salvatore Muscat****: .... .... .... la disposizione dell'articolo 1912*

*dell'Ordinanza N VII del 1868 (illum art. 2148 tal-Kodici Civili), secondo la quale si prescrivono col decorso di diciotto mesi le azioni dei sarti, calzolai, falegnami ed altre persone esercenti mestieri ed arti mecchaniche per prezzo delle loro opere, dei loro lavori e delle cose che somministrano, non e' applicabile a coloro che esercitano una impresa per il loro credito per le opere da loro eseguite e pei materiali da loro forniti .... ..... .... poiche' la disposizione dell'articolo 1902 si riferisce a crediti di artefici che prestano la lora opera (opera)... .... ..... L-istess qalet il-Qorti tal-Kummerc f'sentenza moghtija fl-14t a' Ottubru 1954 in re* ***Joseph Mizzi nomine versus Joseph Delicata proprio et nomine*** *: .... ..... ..... skond l-art. 2253(a) (illum art. 2148(a)) tal-Kodici Civili, jaqghu bil-preskrizzjoni bl-eghluq ta' tmintax-il xahar "l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentieri, arluggara u ta' persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta' l-opri jew tax-xoghlijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu"; .... ..... .... id-dispozizzjoni tal-ligi kontenuta fl-ittra (a) ta' l-imsemmi artikolu tal-Kodici Civili tirreferixxi ruhha ghal-lokazzjoni ta' opera, li biha l-persuni fuq enumerati jkunu obbligaw ruhhom li jaghtu x-xoghol taghhom, u mhux ghal-locatio operis li biha l-imprenditur jobbliga ruhu li jaghti, mhux ix-xoghol, imma l-prodott tax-xoghol – meta l-lokazzjoni d'opera tkun konnessa ma' organizazzjoni ta' mezzi teknici li timprimi lil-lokazzjoni l-karattru ta' att oggettivament kummercjali* (**Saviour Farrugia v. Margaret Vella** deciza mill-Onor. Qorti tal-Appell fid-9 ta' Frar, 2001).

Illi hekk ukoll jinsab deciz li :

"*Id-differenza bejn il-preskrizzjoni taħt l-art. 2148(a) u dik taħt l-art. 2149(a) hija illi ta' l-ewwel tolqot l-azzjonijiet ta' l-artiġjana waqt illi tat-tieni tolqot l-azzjonijet tal-kuntratturi. Is-soċjetà attriċi, għax hija soċjetà kummerċjali u tispekula fuq il-prezz tax-xogħol u tal-materja, ma tistax*

> *titqies artiġjan, u għalhekk il-preskrizzjoni taħt l-art. 2148(a) ma tolqothiex.*" (**Transmec Services Limited Versus Joseph Mallia Bonello** deciza mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Novembru, 2007)

Illi fil-kaz in ezami huwa car, sa mill-isem tal-istess partnership attrici u wkoll mix-xoghol li fir-rigward tieghu inhareg il-kont li abbazi tieghu qed jigi pretiz il-hlas, li l-azzjoni odjerna hija dik ta' kuntrattur li jispekula fuq ix-xoghol tieghu u mhux ta' meru artiggjan. Ghaldaqstant huwa car li l-art. 2148(a) mhuwiex applikabbli ghall-kaz in ezami imma huwa applikabbli l-art. 2149(a) li jirrigwardja proprju azzjonijiet ta' kuntratturi ghax-xoghol prestat minnhom bhala att oggettivament kummercjali. F'dan il-kaz huwa car li x-xoghol prestat mill-partnership attur jirrigwardja l-iskavar tal-fond fuq inkarigu tal-konvenut u l-furmar ta' rampa. Konsegwentement huwa car li t-terminu preskrittiv applikabbli huwa proprju dak ta' sentejn a tenur tal-art. 2149(a) tal-**Kodici Civili**

Illi ghandu jigi kkunsidrat ukoll l-art. 2160(1) tal-**Kodici Civili** llum jipprovdi s-segwenti :

> *(1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148,2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.*

Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghax-xhieda moghtija mill-konvenut waqt is-seduta tat-8 ta' Lulju, 2019 fejn dan, minn rajh, stqarr li « *Ix-xogholijiet mertu tal-kawza saru fis-sena elfejn u hmistax (2015). Nghid li jiena nikkontendi li Carmelo Galea Contractors ma ghandhom jiehdu xejn fir-rigward ta' dawn ix-xogholijiet ghar-ragunijiet li jiena spjegajt fix-xhieda tieghi precedenti.* » Ghat-Tribunal din ix-xhieda hija sufficjenti sabiex tissodisfa d-dettami tal-art. 2160(1) tal-**Kodici Civili** kif hawn fuq citat.

Illi fir-rigward taz-zmien illi fih saru x-xogholijiet huwa l-istess rapprezentant tal-partnership attrici Rennie Galea li jixhed :

> *Nghid li x-xoghol ahna wettaqnieh bejn is-sitta (6) ta' Lulju, elfejn u hmistax (2015) u l-hmistax (15 ) ta' Lulju, tas-sena elfejn u hmistax (2015). Nghid li wara li ahna lestejna x-xogholijiet rega kkuntatjani l-intimat fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Awwissu, elfejn u hmistax (2015) sabiex inkompli b'aktar xoghol, dan kien jikkonsisti fit-tqattieh tal-pedamenti u sabiex issir toqba tal-lift. Qed issirli referenza ghal quote li tinsab ezebita a fol. 3 tal-process u nghid li din hija referibbli biss u esklussivament ghax-xoghol li ahna wettaqna f'Lulju u ma tinkludix ix-xogholijiet li ahna komplejna naghmlu f'Awwissu, elfejn u hmistax (2015).* (xhieda moghtija waqt is-seduta tal-1 t'Ottubru, 2018)

Hekk ukoll l-istess Perit John Attard jikkonferma li:

> "*ghalkemm jiena bl-amment ma nistax niftakar id-dati partikolari niftakar li dawn ix-xogholijiet kienu bdew qabel il-bidu tas-sajf (...) tas-sena elfejn u hmistax (2015) u komplew ikaxkru bejn u wiehed u iehor sal-Lulju tal-istess sena. Niftakar ukoll li kien inhareg il-permess sabiex isiru dawn ix-xogholijiet fis-summer break, mill-memorja niftakar li dawn ix-xogholijiet min-naha tal-kuntrattur gew kompletati ghal habta ta' Awwissu, l-ahhar t'Awwissu u bidu ta' Settembru tas-sena elfejn u hmistax*" (xhieda moghtija waqt is-seduta tal-31 t'Ottubru, 2018).

Illi hekk ukoll hija l-istess talba li taghmel referenza cara ghal "*xogholijiet ta' eskavazzjoni maghmul mill-attrici fuq inkarigu tal-konvenut (...) fix-xahar ta' Lulju, 2015*". Ghaldaqstant, avut rigward ghas-surreferit u b'mod partikulari ghal dak li xehed l-istess rapprezentant tal-partnership attrici, it-terminu preskrittiv applikabbli ta' sentejn beda jiddekorri hekk kif gew terminati x-xogholijiet mertu tal-azzjoni odjerna fil-hmistax (15) ta' Lulju, elfejn u hmistax (2015) u dana sakemm id-dritt t'azzjoni waqa' preskritt sentejn wara u cioe` fil-hmistax (15) ta' Lulju, elfejn u sbatax (2017). Peress illi l-azzjoni

odjerna giet intavolata fil-21 ta' Mejju, 2018 huwa car li l-azzjoni giet prezentata ferm oltre t-terminu preskrittiv impost mil-ligi fir-rigward taghha.

Madanakollu in linea ma' dak sottomess mill-istess partnership attrici jehtieg li jigi determinat jekk kienx hemm xi rikonjizzjoni tad-dejn u konsegwenti rinunzja tal-preskrizzjoni mill-konvenut wara t-trapass taz-zmien. F'dan ir-rigward l-attrici taghmel referenza ghall-*email* datata datata 20 ta' Marzu, 2018 (a fol. 114 tal-process) li permezz taghha jidher car li l-konvenut issuggerixxa li ssir laqa' mal-perit sabiex ikun jista' jilhaq arrangjament amikevoli ghas-saldu mal-attrici. Jinsab regolarment deciz li r-rikonjizzjoni tad-dejn tista' tkun "*anke prezunta u indiretta*" (**Vol XLIII pII p744**) kif ukoll "*tant espress kemm tacitu*" (**Vol XXXIX pI p686; "Lawrence Formosa et nomine –vs- Anthony Borg"**, Appell, 27 ta' Jannar 1997) (**Benny Camilleri v. Ian Schembri** deciza mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-16 ta' Dicembru, 2002). Fuq kollox hekk ukoll jinsab espressament provdut taht l-art. 2108(2) tal-**Kodici Civili** li jipprovdi espressament: «*tista' ssir rinunzja għall-preskrizzjoni ġa akkwistata.*» u taht l-art. 2109 tal-istess **Kodici Civili** li wkoll jipprovdi :

> « *(1) Ir-rinunzja għall-preskrizzjoni tista' tkun espressa jew taċita.*
>
> *(2) Ir-rinunzja taċita tiġi minn fatt li jissoponi l-abbandun tal-jedd akkwistat.* »

Illi hemm ukoll email datata 7 ta' Dicembru, 2016 (a fol. 107 tal-process) fejn hemm ukoll il-konvenut jissugerixxi li ghandha ssir laqgha mal-Perit sabiex jigi diskuss il-kont mibghut mill-attrici.

Illi kieku dan ma kienx bizzejjed sabiex jindika rikonjizzjoni tad-dejn u rinunzja tal-preskrizzjoni da parti tal-konvenut f'dawn l-istess proceduri l-istess konvenut xehed hekk:

> "***Nghid li jiena kont qed nigri wara l-perit ukoll sabiex ikun jista' johrogli l-kejl halli b'hekk inkunnista' nhallas lil Carmelo Galea Contractors***

*pero` il-perit stess kien qed jittrateni milli johrog dan il-kejl peress li kien qed jghidli li ma kienx sodisfatt kif kienu saru. (...) Sussegwentement kont mort jiena flimkien ma' Rennie fuq il-lant tax-xoghol u hadna stimi ta' dan il-kejl. Il-kont tal-partnership attrici hija bbazata fuq dawn l-istimi li konna hadna jiena u hu fuq il-lant tax-xoghol.*" (xhieda moghtija waqt is-seduta tal-25 ta' Marzu, 2019 a fol.122 tal-process).

Ghadaqstant huwa car li, kif ammess minnu stess, il-konvenut kien lest li jhallas lill-partnership attrici u ghal dan l-iskop kien sahansitra qed jigri wara l-perit tieghu sabiex jinhareg il-kejl u l-kont relattiv, dana wara li d-dritt t'azzjoni tal-attrici seta' jigi kkunsidrat formalment preskritt. Kwindi huwa car li bl-insistenza tieghu stess mall-perit sabiex johrog kont u b'hekk huwa jkun jista' jghaddi ghall-hlas, il-konvenut kien gharaf id-debitu tieghu u b'hekk irrinunzja ghall-preskrizzjoni (ara f'dan is-sens dak deciz permezz tas-sentenza fl-ismijiet **Benny Camilleri v. Ian Schembri** deciza mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-16 ta' Dicembru, 2002 diga` citata hawn fuq). Konsegwentement l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tigi milqughha.

Illi ghaldaqstant jifdal li t-Tribunal jiddetermina l-mertu tal-kaz u cioe` jekk il-konvenut ghandux ragun li jirrezisti l-pagament ghaliex ix-xoghol ma sarx skont is-sengha u l-arti jew ma giex mitmum u jekk l-attrici irnexxielhiex tipprova s-sighat mahduma minnha. F'dan ir-rigward, lilhinn mill-opinjonijiet avvanzati f'dan ir-rigward mill-partijiet rispettivi, it-Tribunal ikollu tabilfors jikkunsidra l-unika xhieda teknika imressqa f'dawn il-proceduri u cioe` dak li kellu xi jghid il-perit tekniku appuntat mill-istess konvenut. F'dan ir-rigward il-perit tekniku xehed:

"*Nghid li r-rati li jiena kwotajt fl-istess bill of quantities kienu rati li kienu gew maqbula bejn il-partijiet. Fuq mistqosija tat-Tribunal nghid li apparti l-hinijiet u cioe` s-sighat li fihom gew utilizzati l-makkinarji ghat-tqattieh* ***<u>fir-rigward tal-kejl li jien stess ghamilt u kwindi ghal partijiet rimanenti tal-istess document dan nista' nikkonfermah bil-gurament tieghi. (…) ma</u>***

***<u>hassejtx il-htiega li jiena nemenda dan il-bill of quantities b'ebda mod.</u>*** ***<u>(…)</u>*** *Qed nigi mistoqsi jekk kienx hemm xi ilment fir-rigward ta' xogholijiet li ma kenux tas-sengha u l-arti nghid li jiena dan ma niftakrux, sa fejn naf jiena l-ilment kien limitat ghal hinijiet.*" (xhieda moghtija fis-seduta tas-6 ta' Dicembru, 2018 a fol.42 tal-process – enfazi mizjuda).

Waqt l-istess seduta, in kontro-ezami xehed ukoll li "*l-partijiet kienu qablu dwar rati u mhux dwar overall price.*" (a fol. 45 tal-process) hlief fir-rigward tal-"*furmar ta' rampa bil-materjal eskavat nghid li kienet lump sum li giet miftiehmha bejn il-partijiet*" u wkoll li "*thaffir ta' trinek fil-gnub tas-sit fl-ammont ta' two hundred and eighty (€280) nghid illi dan l-ammont kien gie maqbul ukoll bhala lump sum bejn il-partijiet. Meta jiena ndikajt dawn it-trinek fil-bill of quantities nghid li dawn it-trinek fil-fatt kienu gew imhaffrin*" (fol. 149 tal-process).

Illi l-istess Perit Attard kompla wkoll jixhed in kontro-ezami li ghalkemm "*l-iskavar effettivament ma wasalx sal-livelli indikati minni fuq l-istess pjanta. (...) Nghid li fol. 110 u 111 effettivament jindika kejl preciz li jiena personalment ghamilt fuq is-sit. (...) (W)ettaqt il-kejl fuq is-sit abbazi ta' dan il-kejl jien wasalt ghal konkluzjoni li l-ammont lkellu jkun dak ta' tlett elef mitejn u ghoxrin euro. (...) Sabiex jiena ddeterminajt kemm kien qatta Carmelo Gafa` jiena kejjilt il-volum u ma qaghadx noqghod nikkunsidra l-livell li hu nizel (...)*" (xhieda moghtija fis-seduta tat-8 ta' Lulju, 2019 a fol. 148 et. seq. tal-process).

It-Tribunal ma jistax ma jikkunsidrax tali verzjoni bhala wahda attendibbli tenut kont tal-fatt li l-Perit Attard huwa l-perit inkarigat mill-istess konvenut u l-konvenut baqa' qatt ma fittex li jottjeni parir tekniku iehor li jiggustifika l-pretensjoni tieghu li x-xoghol ma sarx tajjeb. Anki l-verzjoni moghtija mill-kuntrattur Pio Galea (li dahal wara l-partnership attrici u kompla x-xoghol warajha) tista' biss, fl-ahjar ipotezi, tigi ikkunsidrata bhala indikattiva ta' xoghol mhux komplut u ma sservix sabiex tindika aspetti ta' xoghol li sar teknikament hazin. Perdipiu` kif citat hawn fuq, l-attur jammetti li huwa stess kien qed

jigri wara l-perit proprju sabiex jinhareg il-kejl tax-xoghol u b'hekk ikun jista' jhallas lill-attrici. Azzjoni bhal din certament li m'hijiex konsoni ma' xoghol li suppost gie riskontrat mill-istess attur li sar hazin jew b'mod inkomplut. Fi kwalunkwe kaz jinghad li ma tressqux provi li b'xi mod jikkontradicu l-kejl u l-volumi kif determinati mill-perit. Lanqas ma tressqu provi li jindikaw b'liema mod is-semplici skavar u holqien ta' rampa seta' sar hazin jew b'mod inkomplut mill-attrici tenut kont li ftehim bejn il-partijiet kien bazat fuq rati ta' xoghol u mhux ghal somma shiha ghal xoghol partikulari komplut. Huwa car ghaldaqstant li gjaladarba, kif xehed ukoll l-istess perit tal-konvenut, il-partijiet ftehmu abbazi ta' rati (u mhux somma ghas-saldu ghax-xoghol komplut – f'dan is-sens ukoll *email* tal-konvenut datata 29 ta' Lulju, 2015 a fol.88 tal-process u *statement of works* tal-attrici datata 27 ta' Settembru, 2015 a fol. 113 tal-process li ma jidhirx li giet qatt kontestata mill-konvenut), l-attrici hija intitolata tithallas ghax-xoghol maghmul minnha skont il-volumi skavati kif determinati mill-istess perit tal-konvenut u skont ir-rati pattwiti bejn il-partijiet u dana ghaliex m'hu qed titlob xejn ghajr kumpens ghax-xoghol imwettaq minnha skont kif patwit bejn l-istess partijiet.

Illi fir-rigward tas-sighat utilizzati ghat-tqattih ta' blat bid-*drum cutter*, il-konvenut jikkontendi li l-attrici ma utilizzatx is-sighat kollha indikati fil-kont tal-perit tieghu sabiex twettaq tali tqattieh. F'dan ir-rigward il-Perit Attard ikkwantifika tmienja u ghoxrin siegha xoghol abbazi ta' dak li qallu l-kuntrattur. F'dan ir-rigward issir referenza ghall-ittra tal-Perit Attard mibghuta lill-Building Regulations Office u wkoll ghax-xhieda ta' Martin Farrugia moghtija waqt is-seduta tat-2 ta' Mejju, 2019 fir-rigward tal-estensjonijiet relattivi mitlubin sabiex jigi kompletat tali xoghol. Madanakollu l-konvenut jikontendi li huwa gieli mar fuq il-post u ma sabx lill-kuntrattur hemmhekk jew sabu mhux qed jahdem. Tenut kont li l-ftehim bejn il-partijiet kien li l-kuntrattur jithallas almenu *in parte* skont is-sighat tieghu ta' xoghol u li l-istess perit tal-konvenut kien qed jitlob estensjonijiet fil-permessi ghal tali xoghol, kien certament jinkombi fuq il-konvenut illi, jekk tassew kien qed isib li l-kuntrattur ma jkunx qed jahdem meta suppost, jiehu nota ta' tali assenzi da parti tal-attrici minn fuq il-lant tax-xoghol u jara li kemm il-perit

tieghu u kif ukoll l-attrici jigu rezi minnufih konxji ta' tali assenzi, jekk hemm bzonn bil-kitba, sabiex tali sighat ma jigux ikkunsidrati ai fini tal-kont li kellu eventwament jinhareg. Madanakollu jidher car li minn dan kollu l-konvenut m'ghamel xejn, dan minkejja l-estensjonijiet ripetutament mitluba u minkejja wkoll li, skont hu, l-kuntrattur kien ikun regolarment assenti minn fuq il-lant tax-xoghol. F'dan ir-rigward it-Tribunal isib li l-attrici irnexxielha tipprova t-talba taghha anke f'dan ir-rigward tenut ukoll kont tal-fatt li istess perit tal-konvenut ma jidher li ra xejn inopportun fis-sighat iccitati tant illi indikahom fil-kont tieghu u hawn ukoll ma hassx il-htiega li jemenda l-istess. It-Tribunal isib ukoll li, fl-assenza ta' provi cari u univoci li jippruvaw almenu fuq bilanc ta' probabiltajiet dak asserit mill-konvenut li l-attrici ma utilizzatx is-sighat kollha li ghalihom qed tippretendi hlas, ma jistax iwettaq ebda tnaqqis jew arbitrarjament jikkunsidra li xi sighat minn dawk elenkati u kwindi approvati mill-perit tal-istess konvenut mhux veru gew mahduma mill-attrici.

Illi ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha premessi, it-talba attrici timmerita li tigi akkolta bl-ispejjez. L-imghaxijiet ghandhom jiddekorru mid-data tan-notifika lill-konvenut tat-talba odjerna.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kemm sakemm din hija bazata fuq l-art. 2148(a) tal-**Kodici Civili** u kif ukoll sakemm din hija bazata fuq l-art. 2149(a) tal-istess **Kodici Civili**, jichad ukoll il-bqija tal-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-partnership attrici s-somma mitluba ta' tlett elef, mitejn u ghoxrin euro u tlieta u sebghin centezmi (€3220.73) rapprezentanti xoghol ta' eskavazzjoni maghmul mill-attrici fuq inkarigu tal-konvenut gewwa s-sit 24, Triq il-Gejza, Swieqi fix-xahar ta' Lulju, 2015 bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tan-notifika lill-konvenut tat-talba odjerna ossija mit-8 ta' Gunju 2018 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**